



Dokument ta' sessjoni

B9-0051/2020

13.1.2020

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar is-sitwazzjoni fil-Venezwela
(2020/2507(RSP))

Manu Pineda, Sira Rego, João Ferreira, Sandra Pereira, Mick Wallace, Clare Daly, Giorgos Georgiou, Manuel Bompard, Stelios Kouloglou
f'isem il-Grupp GUE/NGL

B9-0051/2020

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-sitwazzjoni fil-Venezwela
(2020/2507(RSP))**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Kostituzzjoni tar-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela,
 - wara li kkunsidra l-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1945, u b'mod partikolari l-Kapitolu 1, Artikolu 1(2) tiegħu, bil-fini dikjarata tagħha "li jkunu żviluppati relazzjonijiet ta' ħbiberija fost in-nazzjonijiet, abbażi tar-rispett għall-prinċipju tad-drittijiet ugwali u tal-awtodeterminazzjoni tal-popli, u li jittieħdu miżuri xierqa oħra biex isaħħu l-paċi universali",
 - wara li kkunsidra l-prinċipju ta' nonintervent stabbilit fil-Karta tan-NU,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 1 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi u l-Artikolu 1 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, li t-tnejn li huma jiddikjaraw li "l-popli kollha għandhom id-dritt ta' awtodeterminazzjoni" u li "bis-saħħa ta' dak id-dritt, jiddeterminaw liberament l-istatus politiku tagħhom u jaħdmu liberament għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u kulturali tagħhom",
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 2 tal-Karta tan-NU, li fih l-impenn tal-istati membri tan-NU li jonoraw l-ugwaljanza sovrana tal-istati kollha u li jirrispettaw l-integrità territorjali u l-indipendenza politika tagħhom,
 - wara li kkunsidra r-Regoli ta' Proċedura tal-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela, u b'mod partikolari l-Artikoli 7 u 8, li jiddefinixxu r-regoli għall-elezzjoni tal-President u tal-Bureau,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Artikolu 7 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela jiddikjara President u Bureau ġodda jridu jiġu eletti fil-bidu tal-perjodu ta' sessjoni annwali mill-Membri tal-Assemblea li jkunu preżenti fl-ewwel sessjoni;
- B. billi, fil-5 ta' Jannar 2020, President u Bureau ġodda tal-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela ġew eletti skont ir-Regoli ta' Proċedura tagħha;
- C. billi Luis Parra mill-partit tal-oppożizzjoni Primero Justicia ġie elett President tal-Assemblea Nazzjonali bil-voti ta' 81 membru mill-140 membru preżenti; billi dan l-għadd huwa aktar mill-kworum rikjest skont l-Artikolu 46 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela;
- D. billi, matul l-istess seduta, ġie elett il-Bureau tal-Assemblea Nazzjonali; billi huwa kompost minn Franklyn Duarte (Copei), l-Ewwel Viċi President, José Noriega (Voluntad Popular), it-Tieni Viċi President, Negal Morales (Acción Democrática),

Segretarju, u Alexis Vivenes (Voluntad Popular), Sottosegretarju;

- E. billi Juan Guaidó ma attendiex is-sessjoni ordinarja tal-Assemblea Nazzjonali tal-5 ta' Jannar 2020; billi s-sessjoni attendew għaliha l-mexxejja tal-partiti ewlenin tal-oppożizzjoni;
- F. billi t-Tieni Viçi President u s-Sottosegretarju tal-Assemblea Nazzjonali, José Noriega u Alexis Vivenes, li għadhom kemm ġew eletti jappartjenu għall-Voluntad Popular, l-istess partit ta' Juan Guaidó;
- G. billi, wara l-elezzjoni tal-President u tal-Bureau il-ġodda tal-Assemblea Nazzjonali, il-President uxxenti Juan Guaidó pproklama lillu nnifsu President għal mandat ieħor quddiem grupp ta' ġurnalisti, b'nuqqas totali ta' rispett għall-prinċipji stabbiliti fir-Regoli ta' Proċedura tal-Assemblea Nazzjonali;
- H. billi d-Dipartiment tal-Istat tal-Istati Uniti hedded sanzjonijiet ġodda li jkollhom impatt ulterjuri fuq is-sitwazzjoni tal-popolazzjoni Venezwelana;
- I. billi s-sitwazzjoni ekonomika u soċjali fil-Venezwela ġarrbet deterjorament enormi bħala konsegwenza tal-għadd dejjem akbar ta' sanzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji mill-Istati Uniti u mill-UE, li wasslu għal iperinflazzjoni, nuqqasijiet fil-provvista, faqar dejjem akbar u skarsezza ta' mediċini u ta' tagħmir mediku;
- J. billi miżuri koerċittivi unilaterali jmorru kontra l-liġi internazzjonali stabbilita; billi n-NU, u b'mod partikolari r-Rapporteur Speċjali tagħhom dwar l-impatt negattiv tal-miżuri koerċittivi unilaterali fuq it-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem, dan enfasizzawh ripetutament; billi s-sanzjonijiet jikkawżaw tfixkil għal kwalunkwe stat u, meta jagħmlu ħsara lill-ekonomija, jista' jkollhom impatt devastanti fuq iċ-ċittadini ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw;
- K. billi l-pożizzjoni tal-Istati Uniti, ta' xi Stati Membri tal-UE u tal-hekk imsejjaħ Grupp ta' Lima hija maħsuba biex tinterferixxi fil-qagħda politika interna tal-Venezwela u komplet taggrava s-sitwazzjoni;
- L. billi l-interferenza esterna, id-destabilizzazzjoni, il-kampanji ta' diżinformazzjoni, il-manipulazzjoni tal-opinjoni pubblika u l-vjolenza promossi minn xi setturi tal-oppożizzjoni kontra s-sovranità, l-indipendenza, il-paċi u l-istabbiltà demokratika tal-pajjiż u kontra l-poplu Venezwelan ġew iddenunzjati f'għadd ta' okkażjonijiet;
- M. billi d-djalogu huwa l-bażi għar-riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitti u tas-sitwazzjonijiet interni fil-pajjiżi kollha; billi l-Istati Membri jeħtiġilhom jinkoraġġixxu djalogu kostruttiv mal-Gvern tal-Venezwela sabiex jinstabu soluzzjonijiet għall-problemi konkreti li bħalissa jeżistu fil-Venezwela;
- N. billi l-Gvern tal-Venezwela u l-oppożizzjoni dan l-aħħar qablu li jimpenjaw ruħhom fi djalogu ta' paċi permanenti bħala riżultat ta' taħditiet fil-Barbados li kienu ffaċilitati min-Norveġja; billi din l-inizjattiva wasslet għal taħditiet madwar mejda tonda għal djalogu nazzjonali, li fihom qed jieħdu sehem seba' partijiet li jirrappreżentaw sew lill-gvern u sew lill-oppożizzjoni;

- O. billi t-taħditiet madwar mejda tonda għal djalogu nazzjonali rrikonoxxew l-elezzjoni legali u leġittima ta' Luis Parra bħala President tal-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela;
1. Jirrikonoxxi l-elezzjoni tal-President u tal-Bureau tal-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela, b'Luis Parra bħala mexxej, li saret fil-5 ta' Jannar 2020;
 2. Ihegġegħ lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u lill-gvernijiet tal-Istati Membri tal-UE biex joqogħdu lura milli jirreferu għal Juan Guaidó bi kwalunkwe titlu ieħor għajr dak kurrenti tiegħu ta' Membru tal-Assemblea Nazzjonali;
 3. Jitlob bil-qawwa li l-Istati Uniti u l-Istati Membri tal-UE jonoraw l-impenn tagħhom li jirrispettaw il-liġi internazzjonali, b'mod partikolari l-prinċipju tan-noninterferenza fl-affarijiet interni ta' stati oħra;
 4. Jappoġġja l-isforzi tal-forzi demokratiċi, tal-Gvern Venezwelan u tal-oppożizzjoni demokratika u tal-poplu Venezwelan biex huma stess isibu soluzzjonijiet għall-isfidi politiċi u ekonomiċi proprji tagħhom u jippromwovu t-tiġid tad-djalogu nazzjonali fil-Venezwela;
 5. Jikkundanna t-taħdidiet magħmula mid-Dipartiment tal-Istat tal-Istati Uniti u mill-gvernijiet ta' xi Stati Membri tal-UE, bħat-taħdid ta' Trump li jinvaði l-pajjiż u t-talba tal-amministrazzjoni tiegħu għall-impożizzjoni ta' aktar sanzjonijiet, li ggravaw is-sitwazzjoni politika fil-Venezwela; Jitlob li l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha jappoġġjaw l-isforzi tat-taħditiet madwar mejda tonda għal djalogu nazzjonali;
 6. Jenfasizza li s-sanzjonijiet imposti fuq il-Venezwela ħolqu, u qed ikomplu joħolqu dejjem aktar, dannu serju ħafna għall-ħajja u għas-saħħa tan-nies; huwa tal-fehma li dawn is-sanzjonijiet jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' kastig kollettiv tal-popolazzjoni ċivili, kif deskritta sew fil-konvenzjoni internazzjonali ta' Ġinevra u sew f'dik ta' The Hague, fatt li jagħmilhom illegali skont il-liġi u t-trattati internazzjonali; jitlob b'urġenza li jitneħħew is-sanzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji kollha kontra l-Venezwela, li kkontribwew bil-qawwa għad-deterjorament tal-ekonomija tal-pajjiż u tas-sitwazzjoni soċjali taċ-ċittadini tiegħu;
 7. Jieħu nota li d-diffikultajiet ekonomiċi mġarrba mir-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela ġew aggravati mis-sanzjonijiet tal-Istati Uniti; jitlob li l-Assemblea Ġenerali tan-NU terġa' tagħti lir-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela d-drittijiet tal-vot skont l-Artikolu 19 tal-Karta tan-NU, li jiddikjara li l-membri jistgħu jitħallew jivvotaw jekk ikunu naqsu milli jħallsu l-pagament minħabba kundizzjonijiet li jmorru lil hinn mill-kontroll tagħhom;
 8. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-parlamenti u lill-gvernijiet tal-Istati Membri, lill-Gvern tal-Venezwela u lill-Assemblea Parlamentari Ewro-Latino-Amerikana.